**QORTI CIVILI - PRIM'AWLA**

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum l-Erbgha, 29 ta' Settembru 2021**

**Kawza Numru: 7**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 611/21 JVC**

**Kyra sive Mia Kyra Fenech (KI 0157499M)**

**vs**

**Id-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrenti Kyra sive Mia Kyra Fenech ikkonfermat bil-gurament u talbet kif isegwi:

1. 'Illi l-esponenti twieldet f'Malta fl-10 ta' Mejju tas-sena 1999, liema twelid gie ufficjalment registrat permezz tac-certifikat tat-twelid numru 1574/1999 (anness bhala "Dok A");

2. Illi fl-imsemmi certifikat, l-isem tar-rikorrenti huwa indikat bhala "Kyra" Fenech u fil-fatt dan huwa l-isem li hija kienet inghatat mill-genituri taghha mat-twelid;

3. Illi madankollu, fil-hajja personali u ta' kuljum taghha, l-esponenti hija maghrufa bl-isem "Mia Kyra" Fenech u dan huwa l-isem li l-esponenti tuza ghaliha nnifisha u li bih hija konsistentement maghrufa skont kif trid il-ligi;

4. Illi l-esponenti kienet bdiet tuza l-isem "Mia Kyra" minhabba li hija ssib diffikultà sabiex tippronunzja l-konsonanti "r" u allura hija ilha sa mit-tfulija *self-conscious* tal-fatt li hija ma tistax tippronunzja isimha sewwa. Frott ta' dan, hija bdiet tuza l-isem "Mia" bhala l-isem principali *de facto* taghha u "Kyra" gie relegate bhala t-tieni isem;

5. Illi l-interess tal-esponenti fit-talba odjerna huwa wiehed naturali, car u manifest.

Ghaldaqstant, l-esponenti, *ai termini* tal-Artikolu 253 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, qed jintalab bir-rispett illi wara d-debita publikazzjoni tal-avviz fil-Gazetta tal-Gvern u prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna, dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara u tordna illi "Mia Kyra" Fenech huwa l-isem li r-rikorrenti tuza ghaliha u li bih hija konsistentement imsejha;

2. Konsegwentement, tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jememenda c-certifikat tat-twelid tar-rikorrenti bin-numru 1574/1999 u kull certifikat iehor jew dokument verjuri relattiv ghar-rikorrenti biex b'hekk l-isem "Kyra" Fenech ghandu jigi kancellat u sostitwit b'dak "Mia Kyra" Fenech.'.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li taqra kif isegwi:

**1.** 'Illi preliminarjament għandu jingħad li ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, għandha ssir id-debita publikazzjoni tas-smigħ tal-kawża odjerna fil-Gazzetta tal-Gvern minn tal-inqas ħmistax-il ġurnata qabel tali smigħ;

**2.** Illi għal dak li jikkonċerna l-mertu tal-kawża, l-esponent jistqarr illi m'huwiex edott mill-fatti kif ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat;

**3.** Illi mill-Att tat-Twelid tar-rikorrenti, innumerat 1574/1999, kopja ta' liema tinsab hawn annessa u mmarkata Dok. DRP 1, jirriżulta illi hija twieldet f'Malta, fl-10 ta' Mejju 1999, lil Ivan Fenech u lil Katrin Fenech née Hammerlein, u li Kyra huwa l-isem li ingħat mill-ġenituri tagħha. Dan mhuwiex ikkontestat, anzi huwa rikonoxxut mill-istess rikorrenti;

**4.** Illi kien il-missier, Ivan Fenech, li għamel id-dikjarazzjoni tat-twelid tar-rikorrenti u li ddikjara li l-ismijiet illi għandhom jingħatawlha huma Kyra, Amadea, Jutta, Angela. Dan jirriżulta mhux biss miċ-ċertifikat tat-twelid, iżda anke minn dikjarazzjoni li kien ffirma l-istess Ivan Fenech, kopja ta' liema tinsab hawn annessa u mmarkata Dok. DRP 2;

**5.** Illi r-rikorrenti pproċediet bil-kawża istanti bil-għan illi din l-Onorabbli Qorti tordna korrezzjoni fl-Att tat-Twelid tagħha, stante illi hija ddikjarat li minkejja li Kyra huwa l-isem li ingħatalha mill-ġenituri tagħha, fil-ħajja ta' kuljum hija konsistentement magħrufa bħala Mia Kyra;

**6.** Illi fiċ-ċirkostanzi, l-esponent jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, salv però li l-provi miġjubin ikunu l-aħjar u sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi;

**7.** Illi bla ħsara għall-premess, fir-rigward tat-tieni talba attriċi, fejn qed tintalab il-korrezzjoni ta' "kull ċertifikat ieħor jew dokument verjuri relattiv għar-rikorrenti", qed ikun irrilevat illi ai termini tal-Artikolu 253 tal-Kodiċi Ċivili, korrezzjoni tista' ssir f'dawk l-Atti tal-iStat Ċivili relattivi għall-persuna u, fejn ikun hemm, għall-ulied u dixxendenti ulterjuri ta' dik il-persuna, liema atti jridu jiġu indikati fit-talba bin-numru tal-att u s-sena relattiva tagħhom. Illi għaldaqstant, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet attriċi u tordna t-tibdil rikjest, l-esponent umilment jirrileva illi sabiex ikun hemm dan it-tibdil, ir-rikorrenti għandha tispeċifika liema huma dawn l-atti permezz tan-numru progressiv u s-sena ta' kull att relattiv;

**8.** Illi bla ħsara għall-premess, id-Direttur intimat jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni attriċi mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas da parti tiegħu u għalhekk m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

**9.** Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qiegħda tiġi inġunta in subizzjoni.'.

Rat illi saret id-debita publikazzjoni li tinsab esebita a fol. 16 tal-process b'dan li l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur intimat giet sorvolata;

Rat id-dokumentazzjoni kollha annessa mar-rikors guramentat fosthom certifikat tat-twelid tar-rikorrenti, l-karta tal-identita` tar-rikorrenti u partikolarment rat id-dikjarazzjoni ta' Dr Stanley Farrugia Randon li kkonferma li r-rikorrenti ghandha problema sabiex tippronunzja l-ittra 'R';

Rat l-affidavit ta' l-istess rikorrenti li fih tispjega il-problema li minn dejjem kellha sabiex tippronunzja l-ittra 'R' u ghalhekk sa minn eta` zghira ghazlet li tkun maghrufa bl-isem ta' Mia u warajh l-isem Kyra sabiex ikun iktar facli ghaliha li tippronunzja isimha;

Rat ukoll l-affidavit ta' Dr Romina Morrow a fol. 12 li jikkonferma l-istess;

Fic-cirkostanzi tqis illi t-talba tar-rikorrenti sabiex hija tigi mnizzla bl-isem ta' Mia Kyra u mhux biss Kyra hija gjustifikata stante li r-rikorrenti ilha sa minn eta` zghira maghrufa b'dak l-isem. Ghaldaqstant il-Qorti se tghaddi sabiex tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti.

**<u>Decizjoni:</u>**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tad-Direttur intimat sakemm dawn huma nkompatibbli ma' dak hawn deciz, tipprovdi dwar it-talbiet kif isegwi:

1. Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrent u tiddikjara u tordna illi "Mia Kyra" Fenech huwa l-isem li r-rikorrenti tuza ghaliha u li bih hija konsistentement imsejha;

2. Tilqa' t-tieni talba u konsegwentement, tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jemenda c-certifikat tat-twelid tar-rikorrenti bin-numru 1574/1999 u kull certifikat iehor jew dokument verjuri relattiv ghar-rikorrenti fil-poter tad-Direttur, biex b'hekk l-isem "Kyra" Fenech ghandu jigi kancellat u sostitwit b'dak ta' "Mia Kyra" Fenech.

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi nnotifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fic-cirkostanzi l-ispejjez ghandhom jigu sopportati mir-rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**29 ta' Settembru, 2021**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**29 ta' Settembru, 2021**